# Il-Qrubija Perikoluża t'Alla

Tony Macelli

*U jekk il-fidi Nisranija qatt ma kienet maħsuba biex iżżomm lil Alla 'l bogħod...? Hawn nibqgħu mal-intuwizzjoni konsistenti Nisranija li l-fidi tfisser mhux biss li nħarsu lejn Kristu, iżda li bil-mod il-mod nitgħallmu ngħixu minnu.*

*F'paġna 5: Niltaqgħu max-Xhieda*

-oOo-

Forsi smajt frażi attribwita lil William Blake, dwar Ġesù, li tidher qisha qed tisfidak biex toġġezzjona: "Hu l-uniku Alla; u hekk ukoll jien, u hekk ukoll int." Jekk din is-sentenza ġġiegħlek tissikka ċ-ċinturin ta' sigurtà teoloġiku, m'intix waħdek. Tista' forsi tidher insolenti, jew sempliċement żbaljata – tip ta' kumment li, kieku jingħad f'laqgħa ta' studju Bibbliku, jaf iġib ċerta skumdità.

Qabel tiddeċiedi kif se taqbad tħares lejha din, tajjeb li tkun taf min kien Blake. Ma kienx xi teologu jew xi uffiċjal tal-Knisja. Kien pittur, poeta, inċiżur, u viżjonarju li għex fl-aħħar tas-seklu tmintax u l-bidu tas-seklu dsatax fl-Ingilterra. Huwa illustra l-poeżiji tiegħu stess, sostna li meta kien tifel kien jara anġli fis-siġar, u qatta' ħafna minn ħajtu jikkontesta dak li il-fidili reliġjużi ta' żmienu kienu jassumu. Meta Blake kien jitkellem dwar Alla, ma kienx jagħmel dan b'kawtela. Kien jitkellem f'beraq ta' stampi, xbihat, u sentenzi mqassra li kienu maħsuba biex iqajmu lin-nies, mhux biex jikkalmawhom.

Dik is-sentenza li semmejna qabel lanqas ġejja minn poeżija. Blake qalha fi djalogu privat, u ħabib kitibha aktar tard. Allura int qisek qed tisma' xi ħaġa li ntqalet bil-fomm, mhux qed taqra argument imħejji sew. Blake kien it-tip ta' persuna li tiftaħ il-bieb b'daqqa waqt riefnu u tħalli lil ħaddieħor jirranġa l-kamra wara. Dan ma jfissirx li dejjem kien ikollu raġun, iżda jfisser li għandna nistaqsu lejn xiex kien qed jipponta.

Jekk inħarsu lejn xiex qed jipponta, Blake mhux qed jgħid li *inti* – kif normalment ikollok esperjenza tiegħek innifsek, tibbilanċja listi tax-xirja u *emails* mhux imwieġba – int Alla bl-istess mod li Ġesù Kristu hu Alla. Mhux qed jkabbar l-ego jew iqassam ċertifikati ta' status divin. Dak li kien qed jagħmel hu kien li jopponi verżjoni tal-fidi Nisranija fejn Ġesù hu l-uniku post fejn Alla jidher tassew, waqt li aħna, il-bqija tal-bnedmin, nibqgħu barra, inċapċpulu b'mod edukat.

U hawnhekk it-tradizzjoni Nisranija nnifisha, bil-kwiet, tappoġġjah. Qabel ma Blake qatt qabad għodda tal-inċiżjoni jew pinna, l-Insara kienu diġà qed jużaw lingwa li tirrifjuta li żżomm lil Alla 'l bogħod. Dan jidher b'mod ċar meta tisma' lil Pawlu l-Appostlu. Pawlu għandu drawwa li jgħid affarijiet li ma tantx jaqblu ma' dik ir-



reliġjon li tkun magħġuna sew biex ma tixxokkja lil ħadd. Jitkellem dwar "Kristu fikom" u saħansitra jgħid, bla tlaqliq, "Kristu jgħix fija".

Issa, jekk tittratta frażijiet bħal dawn sempliċement bħala metafori jew kliem imżejjen – mod poetiku kif tgħid "inħossni qrib Alla" – jitilfu s-saħħa kollha tagħhom. Pawlu mhux qed iżejjen is-sentenzi tiegħu. Hu qed jipprova jiddeskrivi bidla reali fil-mod kif tgħix il-ħajja. Iċ-ċentru jinbidel. Il-fidi ma tibqax biss dwar li temmen l-affarijiet li suppost, jew li tikkopja l-imġiba t-tajba, u ssir dwar parteċipazzjoni – dwar min ikun jgħix fik.

Dan ma jfissirx li tinħall f'Alla bħal butir fuq ħobż jaħraq. Fidi Nisranija  qatt ma għallmet dan. Alla jibqa' Alla. Int tibqa' int. Iżda jfisser li l-fidi Nisranija hija maħsuba li tinvolvi komunjoni vera, mhux biss ammirazzjoni mill-bogħod. Kristu mhux biss xi ħadd li ssegwi; Kristu hu xi ħadd li inti tinġibed ġo fih.

Hawnhekk il-ħassieba Nsara li ġew fis-sekli ta' wara jgħinuna noħolqu xi poġġamani biex ma niżolqux. Girgor ta' Nissa, għalliem bikri tal-Knisja, qal li il-proċess li bih naslu lejn i-ġewwieni t'Alla huwa bla tmiem. M'hemm l-ebda linja finali fejn tista' tgħid, "Hawn jien. Wasalt." Alla hu infinit, u għalhekk il-parteċipazzjoni tibqa' dejjem għaddejja. Dan jipproteġi l-umiltà filwaqt li jippermetti bidla profonda. Tista' tkun mibdul tassew mingħajr qatt ma tiddikjara li tippossjedi lil Alla.

Meister Eckhart, predikatur u mistiku medjevali, ħa riskji akbar bil-lingwa tiegħu. Tkellem dwar Alla jitwieled fir-ruħ u dwar post profond fejn Alla u r-ruħ jiltaqgħu. Jekk dan jagħmlek nervuż, ebda sorpriża – Eckhart kien jaf eżatt kemm kienet perikoluża din il-lingwa. Huwa għalhekk li kien jitkellem bla waqfien dwar id-



distakk interjuri *(inner detachment)*. L-ego ma jitpoġġiex fuq pedestall; jitwarrab min-nofs ta' dak li jien tassew jien. L-ego jaħtaf biex jakkwista sigurtà. Saħansitra jaħtaf u jiggranfa miegħu innifsu bħala l-unika identità tal-persuna. Meta tieqaf mill-ħtif, Alla jista' jaħdem. Meta terġa' tibda taħtaf, kollox imur ħażin malajr.

Jekk lil Eckhart inħossuh bħal mixja fuq pont tal-ħbula f'daħna ta' ċpar, Massimu l-Konfessur inħossuh aktar bħal meta taqsam pont sod tal-ġebel. Hu jagħti struttura mingħajr ma joqtol il-misteru. Għal Massimu, il-ħolqien kollu huwa ffurmat minn volontà divina u miġbud lejn il-milja tiegħu fi Kristu. L-għaqda ma' Alla hija reali, iżda ssegwi limiti ċari: ebda konfużjoni, ebda kollass, ebda tħassir tad-differenza. Ma tisparixxix f'Alla. Issir kompletament int innifsek f'komunjoni ma' Alla.

Meta taraha hekk, is-sentenza xokkanti ta' Blake tibda tidher inqas bħala ribelljoni selvaġġa u aktar bħala nuqqas ta' paċenzja. Hu ma kellux paċenzja b'dik il-fidi Nisranija  li żżomm lil Kristu barra minnek (hekk ma jkunx hemm periklu għall-ego!) ammirat, iżda mhux jgħammar fik jew inti fih. Blake kien qed irrifjuta dik il-fidi fejn ix-xogħol divin kollu kien jagħmlu Ġesù waqt li l-ħajja ġewwinija tiegħek tibqa' kważi l-istess. Il-lingwa tiegħu għaġġlet aktar mill-ispjegazzjonijiet li jkun hemm bżonn, iżda d-



direzzjoni nafuha.

Kittieb kontemporanju li jgħin jittraduċi dan kollu f'lingwa moderna huwa l-Franġiskan Richard Rohr. Rohr huwa ċar ħafna li Kristu biss hu Alla bin-natura tiegħu. Fl-istess ħin, jibqa' jinsisti li l-fidi Nisranija tinvolvi li tieħu sehem fil-ħajja ta' Kristu, mhux biss li temmen ideat dwar Kristu. Il-mod kif jitkellem, dwar il-jien tas-soltu jew ego jew il-jien falz b'differenza mill-jien ġenwin, huwa ta' għajnuna kbira hawnhekk.

Il-jien tas-soltu tiegħek jew il-jien falz tiegħek iħobb l-idea li jkun speċjali jew elevat. Il-jien ġenwin tiegħek ma jinteressahx mill-istatus. *Jaf minn ġewwa* li l-għaqda tiġi bis-saħħa tal-grazzja t'Alla u mhux bis-saħħa tal-ego. Jaċċetta li qed jgħix, imma li jkun qed jgħixu, biex ngħidu hekk, ċentru aktar profond. Naraw kif Pawlu jgħidha, din: "Ngħix, imma mhux iżjed jien, iżda jgħix fija Kristu. Il-ħajja li issa ngħix fil-ġisem qiegħed ngħixha bil-fidi fl-Iben ta' Alla". *(Gal 2:20)* Ġ Meta Pawlu jgħid "Kristu jgħix fija", Rohr jisma' lil wieħed li qed iċedi, mhux lil wieħed li qed jiftaħar.

Tista' tistaqsi jekk l-ego, kunċett modern u popolari marbut mal-psikoloġija reċenti, għandux tassew xi rwol biex nifhmu l-messaġġi bibliċi li nħolqu elfejn sena ilu jew aktar. Iżda għalija, it-traduzzjoni hija ċara. Meta Pawlu jgħid "mhux aktar jien" f'dik l-ittra lill-Galatin, qed jgħid: mhux aktar mill-ego tiegħi. Meta Ġesù jgħid, "Min isib ħajtu jitlifha, u min jitlef ħajtu minħabba fija jsibha" *(Mattew 10:34–39),* jidher li qed iqabbel ħajja temporanja mibnija fuq l-ego u ċċentrata fuqu ma' ħajja immortali ċċentrata fuq Kristu. Istruzzjoni morali biex ma nkunux "iffokati fuqna nfusna"? Iva, imma, f'sens spiritwali, ħafna aktar minn hekk.

Meta tpoġġi dan kollu flimkien – Pawlu, Blake, Girgor, Eckhart, Massimu, Rohr – toħroġ ħajta waħda ċara. Alla ma jibqax f'distanza sigura, fejn joħroġ istruzzjonijiet minn hemm fuq. Alla jieħu sehem fil-ħajja tagħna minn ġewwa. Il-fidi Nisranija mhux dwar li ssir xi ħaġa oħra minflok uman. Hija dwar li ssir kompletament uman f'komunjoni ma' Alla.



Jekk dan jidher li nieqes ħafna mill-ħajja tal-Knisja llum, jista' jkun għax ma jistax jiġi ppakkjat b'mod pulit. Ma jaqbilx faċilment ma' programmi jew slogans. Jitlob kunsens aktar milli kontroll, paċenzja aktar milli proġetti. Jistiednek tħalli lil Kristu jsir mhux biss xi ħadd li titkellem dwaru, iżda xi ħadd li bil-mod, bil-kwiet, jitgħallem kif jgħix il-ħajja tiegħek minn ġewwa.

-o-

**NILTAQGĦU MAX-XHIEDA**

**William Blake** (1757–1827)
Poeta Ingliż, inċiżur, u pittur tal-perjodu Romantiku. Blake kien viżjonarju, mhux teologu, magħruf għat-taħlita ta' arti, poeżija, u għarfien spiritwali. Il-lingwa reliġjuża tiegħu hija intensa, fil-qosor, u apposta biex tisfida l-mod kif naħsbu.

**Pawlu l-Appostlu** (madwar 5–madwar 64 W.K.)
Missjunarju Nisrani bikri u awtur ta' ittri li jiffurmaw parti sostanzjali mit-Testment il-Ġdid. Pawlu jifhem il-fidi Nisranija mhux l-ewwelnett bħala imitazzjoni morali jew ubbidjenza esterna, iżda l-ewwelnett bħala mod ta' ħajja mibdul li għandu l-għeruq tiegħu fl-għaqda ma' Kristu. Jitkellem dwar għixien f'xulxin – bl-Ingliż *indwelling*. Il-lingwa tiegħu dwar li wieħed jgħix ġewwa ieħor: "Kristu jgħix fija", "Kristu fikom" – tindika parteċipazzjoni reali fil-ħajja ta' Kristu. F'dan l-għixien f'xulxin iċ-ċentru tal-identità tan-Nisrani jiġi rriorjentat.

Għal Pawlu, dan l-"għixien f'xulxin" ma jeqridx il-persuna umana, u lanqas ma tikkollassa d-distinzjoni bejn Alla u l-umanità. Minflok, jiddeskrivi komunjoni mgħixa, fejn il-ħajja ta' Kristu tgħammar fin-Nisrani minn ġewwa, u tinfluwenza l-għemil, ix-xewqat, u l-mod kif wieħed jara d-dinja. Din il-viżjoni parteċipattiva influwenzat b'mod profond l-ispiritwalità Nisranija, speċjalment it-tradizzjonijiet li jenfasizzaw it-trasformazzjoni ġewwinija u l-ħajja f'komunjoni ma' Kristu.

*Għixien f'xulxin u Pawlu l-Appostlu:* Fit-tagħlim ta' Pawlu l-Appostlu, l-għixien f'xulxin ifisser komunjoni reali, trasformattiv u reċiproku, li fiha Kristu jgħammar fil-persuna li temmen u tafda fih, u l-persuna tgħix fi Kristu. Dan l-"għixien f'xulxin" reċiproku huwa parteċipattiv aktar milli simmetriku: il-preżenza ta' Kristu tagħti l-ħajja u tirranġa l-mod li bih tkun mibnija l-persuna minn ġewwa, filwaqt li l-għixien tal-persuna fi Kristu jibqa' lest li jirċievi, ikun riċettiv. L-għixien f'xulxin iħares l-identità personali u d-distinzjoni bejn Alla u l-persuna umana.

**Girgor ta' Nissa** (madwar 335–madwar 395)
Wieħed mill-Missirijiet Kappadoċjani tal-Knisja bikrija. Girgor żviluppa teoloġija ta' kif bniedem jibqa' jiżviluppa bla tmiem lejn il-ġewwieni t'Alla, mixja li tenfasizza l-parteċipazzjoni mingħajr qatt ma tħassar id-distinzjoni bejn Alla u l-umanità.

**Meister Eckhart** (madwar 1260–madwar 1328)
Predikatur Dumnikan u mistiku medjevali. Eckhart huwa magħruf għal-lingwa kuraġġuża u paradossali tiegħu dwar Alla u r-ruħ, dejjem imsejsa fuq distakk radikali u trasformazzjoni interjuri.

*Meister Eckhart u l-Vatikan:* Ir-riċeviment ta' Meister Eckhart fi ħdan il-Knisja Kattolika tjieb b'mod notevoli matul ir-rivalutazzjoni Kattolika ta' tmiem is-seklu għoxrin. F'Udjenza Ġenerali dwar it-tradizzjoni Nisranija tat-talb, Papa Ġwanni Pawlu II ikkwota lil Meister Eckhart b'approvazzjoni ċara, billi rrefera għat-tagħlim tiegħu dwar id-distakk interjuri u l-għaqda ma' Alla *(Udjenza Ġenerali, 14 ta' Settembru 1983, Insegnamenti di Giovanni Paolo II, VI/2 [1983]: 563–567).* https://www.vatican.va/content/john-paul-ii/it/audiences/1983/documents/hf_jp-ii_aud_19830914.html Dan il-kuntest usa' jgħin biex tinftiehem it-talba li saret aktar tard mill-Ordni tal-Predikaturi (Dumnikani) għal riabilitazzjoni espliċita, u r-risposta tal-Vatikan li pass bħal dan ma kienx meħtieġ, peress li Eckhart innifsu qatt ma kien ikkundannat hu stess, iżda biss (fl-1329) ċerti proposizzjonijiet attribwiti lilu. Ara Timothy Radcliffe, "Meister Eckhart: A Mystic for Our Time," Notre Dame Magazine, Winter 2002. https://magazine.nd.edu/stories/a-mystic-for-our-time/

**Massimu l-Konfessur** (madwar 580–662)
Teologu Nisrani tal-Lvant li żviluppa viżjoni rikka ta' parteċipazzjoni kożmika fi Kristu. Massimu artikola b'attenzjoni l-għaqda ma' Alla mingħajr konfużjoni, u rabat il-għarfien mistiku ma' ċarezza duttrinali.

**Richard Rohr** (imwieled 1943)
Għalliem Franġiskan u awtur kontemporanju. Rohr huwa magħruf għat-traduzzjoni tat-teoloġija kontemplattiva Nisranija antika f'lingwa moderna aċċessibbli, speċjalment permezz tal-enfasi tiegħu fuq il-jien ġenwin, l-għixien f'xulxin, u l-parteċipazzjoni fi Kristu.

-o-



*Contact: chat, comment, ask, suggest, correct: imaginetony@gmail.com*